

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħha

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2013 — Perfetti Van Melle vs UASI (DAISY)

(Kawża T-381/13)

(2013/C 274/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Perfetti Van Melle SpA (Lainate, l-Italja) (rappreżentant: P. Testa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, tal-10 ta' April 2013, fil-Każ R 427/2012-1, sa fejn hija tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "DAISY" għall-prodotti segwenti: ħelu, pasti, ħlewwiet, ħelu artab, ħelu li togħmod, karamella, chewing-gum, ġelatina (ħelu), likwirizja, likwirizja, lollipops, toffee, pastilji, zokkor, ċikkulata, kakaw;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark Komunitarja verbali "DAISY" għal prodotti fil-klassi 30 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 267 037

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" ma għandhiex karatru deskrittiv;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" ma tiddeksrivix karatteristika esenzjali tal-prodott;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 peress li l-kelma "DAISY" għandha karatru distintiv għal prodotti tal-ħelu.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2013 — Perfetti Van Melle vs UASI (MARGARITAS)

(Kawża T-382/13)

(2013/C 274/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Perfetti Van Melle SpA (Lainate, l-Italja) (rappreżentant: P. Testa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-10 ta' April 2013 fil-Każ R 430/2012-1, sa fejn hija tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "MARGARITAS" għall-prodotti li ġejjin: ħelu, pasti, penit, ġuġġu, ħelu tal-gomma, karamella, chewing-gum, ġelatina (ħelu), likwirizja, lolipops, tofi, mustardini, zokkor, ċikkulata, kawkaw;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark Komunitarja verbali "MARGARITAS" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 261 105

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: rikors miċħud

Motivi invokati:

- ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, peress illi l-kelma "MARGARITA" ma għandhiex karatru deskrittiv;